MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2013

Numru 403/2013

**Il- Pulizja**
**(Spettur Herman Mula)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Maxime Choquet**

Il-Qorti;

Wara li rat li l-imputat Maxime Choquet, 19 il-sena, iben Frederic u Dorothy nee’ Bernard, imwieled Calais, Franza, nhar id-19 ta’ April 1994, residenti ġewwa l-fond Flt. 2, Charles Court, Triq il-Kbira, Ħal Għargħur u detentur tal-passaport Franċiż 08CA57367 gie mressaq quddiemha :

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta’ Lulju 2013 u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data;

1. Biegħ jew xort' oħra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll nakkuzawħ talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta’ Lulju 2013 u fix-xhur ta’ qabel din id-data;

2. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 u l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101, ilkoll sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn qal li dan kien kaz fejn wara li saret tfittxija fuq l-imputat u nstabu seba (7) pilloli allegatament ecstasy u xi boroz vojta, huwa ghazel li jirrilaxxja stqarrija u minn jeddu stqarr illi minghajr il-hsieb li jaqla l-flus izda biex jiggwadanja ghalieh gramma cannabis grass, kien xi drabi jixtri ammont ta` hames grammi f’daqqa wara li jkunu qalulu shabu biex jakkwistalhom, biex b’hekk hu jaghtihom l-erba grammi u jzomm wahda ghalieh. Kompla jistqarr li dan ghamlu madwar hmistax-il darba. Stqarr ukoll li kien abbuza mill-ecstasy u l-kokaina. Fattur mhux ta` ftit importanza, u dan johrog mill-istqarrija, hu li l-imputat indika minghand min kien jakkwista l-kokaina u l-ecstasy. In vista ta` dan, l-

ufficjal prosekutur iddikjara, fis-sottomissjonijiet tieghu, illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-dispost ta` l-Artikiolu 29 tal-Kap 101 (enfasi tal-Qorti). Il-prosekuzzjoni irriteniet illi dan hu kaz ta` traffikar, pero` *on a very small scale*. Ghamlet referenza wkoll ghall-ammissjoni bikrija tal-hati.

Illi in tema ta' piena l-Qorti kkonsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-imputat. Apparti li d-difiza qablet mas-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni, ghamlet enfasi fuq l-ammissjoni bikrija (enfasi tal-Qorti) - u sahansitra kkummentat dwar il-fatt li saret ammissjoni fl-istadju ta` l-istqarrija. Id-difiza stqarret illi l-eta` tenera (enfasi tal-Qorti) tal-patrocinat taghha hija ndikattiva ta` persuna li ma ghandhiex bizzejjed maturita` u konsegwentement allura tali persuna ma jkunx qies il-konsegwenzi u l-portata ta` ghemilu. Id-difiza pero` accettat li dan il-fattur ma jiggustifikax l-agir tal-hati izda ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tikkalibra l-piena. Ikkummentat ukoll dwar il-fedina penali nettissima tal-hati u qalet li din bhala fatt tirrendi lill-patrocinat taghha bhala *a first time offender*.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena li l-Qorti tinfliggi. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll dak li stqarr il-hati li huwa kien qassam il-cannabis grass ghal madwar hmistax-il darba. Fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti f'dan il-kaz, din il-Qorti trid tibghat messagg illi kull min jinstab hati ta` traffikar ta` droga jehtieg li jigi punit bil-karcerazzjoni u b'dan il-mod il-piena tkun qed isservi kemm ta` deterrent kif ukoll tkun qed taghmel gustizzja mas-socjeta`.

Illi in linea procedurali, din il-Qorti qed tqis it-tielet imputazzjoni, dik ta` pussess semplici tal-cannabis, bhala mezz ghall-fini ta` l-ewwel imputazzjoni, dik ta` traffikar tal-cannabis.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) u l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-

G.N. 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, issib lil Maxime Choquet hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur u multa ta` tlett mitt Euro (€300), liema multa ghandha tithallas sa zmien ghaxar (10) xhur dekorribbli mill-lum u fin-nuqqas li jsir tali hlas, tali somma jew bilanc tigi kkonvertita skond il-ligi. Stante li l-prosekuzzjoni ma ddikjaratx jekk kienx hemm xi spejjez in konnessjoni ma hatra ta` esperti, l-Qorti tasjeni milli timponi l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap 9. Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita u ta` dak kollu li ghandu x’jaqsam mal-abbuz tad-droga (Dokumenti HM5 u HM6) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema document ghandu jigi inserit fl-atti ta` din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dan il-procediment u kopja ta’ din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------